MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru 53/2007

**ILLUM 21 TA' FRAR 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**KONTRA**

**STEPHEN NAPPA**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat is-sentenza taghha fil-konfront tal-imputat datata 8 ta' Frar 2007, fejn fuq ammissjoni l-imputat kien gie ikkundannat terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin, taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat id-denunzja tal-istess Ufficjal tal-Probation kontra l-imputat datata 4 ta’ Mejju 2007, fejn l-imputat kien inghata diversi opportunitajiet sabiex jibda program ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28G(9) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Issib lill-imputat hati li kiser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu hawn fuq indikat, u ghaldaqstant tordna l- s-sentenza tat-8 ta’ Frar 2007 tidhol fis-sehh, u b’hekk tikkundannah ghal perijodu ta’ prigunerija ta’ sentejn;

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------